# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487  Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt  Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru tnax (12) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 8 t' Awwissu 2012, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Is-Sindku qal illi jixtieq jagħmel pole bil-clading għal basketball ring [ref punt nru. 3.1]. B'hekk dawn ikunu 'portable' u ma jeħlux mal-ħajt. Il-Kunsill qabel illi l-użu ta' dawn il-rings ikun b'xejn sakemm ma jkunx hemm talbiet fil-futur minn xi timijiet. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi nnaqsu l-periklu jekk nevitaw l-użu tal-poles, waqt illi l-kunsillier Publius Abdilla qal illi se jkollna bżonn kwotazzjonijiet għal dawn l-arbli.

3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ispettur ma jistax jattendi għal laqgħa. [ref punt nru 3.2].

3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi Melita diġa għandhom 'exclusive point of collection' ġor-raħal u għalhekk il-Kunsill ma jistax joffri s-servizz fejn jaċċetta l-ħlas tal-kontijiet ta' Melita.

3.4 Is-Sindku qal illi jemmen illi l-kuntrattur tal-knis qed jibgħat il-ħaddiem x'imkien ieħor nhar l-Erbgħa filogħdu. Fl-istess ħin qal illi mhux kuntent bix-xogħol li qed isir għax iħoss illi dan il-persuna mhux qiegħed idur ir-raħal sew. Jemmen illi l-ħaddiem huwa l-problema, u mhux il-kumpanija. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi r-raħal ġieli jkun nadif, u ġranet le. Staqsa minn qed jiknes fejn iċ-ċimiterju u s-Sindku qal illi dak ix-xogħol qed isir mill-ħaddiema tal-gvern. Wara mistoqsija mill-Viċi Sindku Johan Mula dwar jekk hemm ftehim fuq il-ħinijiet li għandu jkun preżenti l-ħaddiem tal-kuntrattur [m'hemm l-ebda ħinijiet stipulati fil-kuntratt], is-Sindku u l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qalu illi hemm ftehim illi jnaddaf id-dawra tal-iskola qabel ma jidħlu t-tfal, u għalhekk għandu jkun hawn kmieni. Il-kunsillier Carlo Stivala lmenta wkoll illi qed iħalli boroz u flixken barra.

3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ordna tabella [ref punt nru 3.6]. Il-kunsilliera kollha qablu illi m'hemmx il-problemi bil-karozzi li kien hemm fil-passat fejn il-Mużew tas-Subien.

3.6 Is-Sindku qal illi l-bankijiet kollha nżebgħu [ref. punt nru. 3.7] u ta parir li nużaw 'oil based' verniċ. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi għandna nieħdu parir minn persuna li jifhem.

3.7 Dwar il-grass cutter, is-Sindku qal illi nxtara lazz bis-snien minflok diska [ref punt nru 3.8. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi ħaddiema tal-IPSL jiġu tard biex jibdew ix-xogħol, waqt illi l-kunsillier Publius Abdilla lmenta li ma jagħmlux xogħol eċċezzjonali iżda qed isir mhux ħazin. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi x-xogħol xorta miexi iżda baqa ħafna x'ilestu.

3.8 Il-Viċi Sindku Johan Mula ssuġġerixxa li anka l-ħaddiema tal-IPSL jagħmlu l-kors tal-Health and Safety, avolja daWn ma jiġux ħaddiema tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi dawn ma jkunux obligati biex jagħmlu dawn il-korsijiet wara l-ħin tax-xogħol u għalhekk il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li l-kors jkun qabel t-tmiem tal-ħinijiet tagħhom. Dawn il-korsijiet se jsiru wara nofs in-nhar, għal sagħtejn kull darba. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi għanda naraw jekk dan il-kors huwa addattat għall-ħaddiema klerikali biss jew anka għal ħaddiema oħra. Il-Viċi Sindku qal illi dawn għandhom isiru fix-xitwa wara nofs-in nhar.

3.9 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tal-COMTEC ġew [ref punt nru. 3.12].

3.10 Mill-informazzjoni li nġabar is-Sindku qal illi klieb bla ċippa għandhom jinġabru kollha.

3.11 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil reġa qal illi kien hemm ftehim ma’ Polidano Brothers illi l-Kunsill kien se jħallas il-kont għax-xogħol [ref. punt nru. 4.3] fil-futur. Qal ukoll illi jemmen li konna fil-fatt irċevejna dan il-kont f’2008 iżda peress illi dak iż-żmien kien hemm il-problemi mas-Segretarju Eżekuttiv ta’ dak iż-żmien, jemmen illi l-kontijiet qatt ma ġew preżentati fil-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv se jara l-Minuti ta’ dak iż-żmien biex jara jekk intqal fil-laqgħa li kien hemm xi ftehim. Il-Viċi Sindku qal illi Polidano Brothers kellhom jibagħtu reminders.

3.12 Is-Sindku m’aċċettax l-użu tas-servizz tal-eco wardens peress illi l-Kunsill ikollu joħroġ il-flus. Qal illi se nagħmlu l-cameras madwar ir-raħal biex naqbdu lil dawk illi jiksru r-regoli. Qal illi waqt laqgħa tas-Sindki ftit ilu kien sod f’dan il-punt illi mhux se jaċċetta li l-Kunsilli jħallsu meta ma jirċievu xejn. Qal ukoll illi bil-cameras nimxu aħjar.

3.13 L-iskips illi qegħdin jintużaw waqt is-Summer League se jibqgħu fil-Playing Field, waqt illi l-Kunsill se jordna tnejn oħra għal triq il-Menqa, kif ukoll tnejn oħra għal pjazza għal matul il-festa [ref punt nru 7.5]. Is-Sindku qal illi kull darba illi jbattal l-iskips, il-kuntrattur se jiġi mħallas €1. Is-Sindku ppropona wkoll illi nagħmlu skip f’triq San Ġorġ sakemm jaslu l-cameras. Fuq dan il-punt, il-kunsillier Publius Abdilla ma qabilx illi skips ikunu wara l-bieb tad-djar tan-nies. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil esprima l-opinjoni tiegħu li jekk isiru skips f’triq San Ġorġ, isir dumping site hemmhekk. Is-Sindku reġa qal li din l-ideja hija waħda temporanja sakemm jaslu l-cameras. Qal ukoll illi jemmen illi hemm min qed joħroġ il-boroz hemmhekk bħala vendikazzjoni. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi jħoss ċertu drabi, b’kummenti li qed isiru fuq il-facebook ta’ ċerti individwi, qegħdin niġbdu l-attenzjoni għal iżjed vendikazzjonijiet.

3.14 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bagħat email lil kunsilli ta Żurrieq, l-Imqabba, il-Qrendi u Ħal Kirkop biex jara jekk huma lesta jikkolabraw fl-iskema tal-LifeLong Learning.

3.15 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi marru 128 persuna għal mawra fuq il-baħar u kien suċċess kbir. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi kellhom prezz tajjeb ħafna. Il-Kunsill bi ħsiebu jerġa jorganizza xi ħaġa simili fil-futur [ref punt nru. 9.1]

3.16 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi xtrajna radju/disk player għal użu tal-iskola Sajf għal prezz ta €70.

3.17 Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiġbor kwotazzjoni għax-xogħol rigward is-siġar li hemm fit-triq il-Ħajt Ruman [ref punt nru 10.3].

3.18 Is-Sindku qal dwar il-proposta tiegħu biex issir il-bankina f'triq il-Kuċċard [ref: punt nru. 10.4] illi l-aħjar għażla tkun illi x-xogħol issir wara l-festa. Kien hemm qbil illi din għandha ssir.

3.19 Is-Sindku qal illi l-periklu se jibqa hemm jekk il-double yellow lines li hemm f'triq San Ġwann [ref: punt nru. 10.5] isiru n-naħa l-oħra. Ippropona li nagħmlu double yellow mal-kisra u nħallu spazju ta' żewġ karozzi, iżda ma jsirux postijiet ta' parkeġġ.

3.20 Il-kunsilliera Carlo Stivala u Publius Abdilla qalu li ħafna nies qegħdin jilmentaw fuq il-persuna li qed itella l-ispeed bil-karozza tiegħu filwaqt illi jtella l-handbrake [ref: punt nru. 10.8]. Qalu li dam jagħmel hekk fit-triq ta' Ġawhar u kkonfermaw li l-persuna hu minn Ħal Safi. Is-Sindku qal illi qabel ma jkollna n-number plate, ma nistgħux ngħidu min hu l-persuna.

3.21 Il-kunsillier Publius Abdilla ltaqa' mal-membri tad-drug squad u spjega fejn huma l-postijiet fejn il-Kunsill jemmen illi jsiru abbuzi tad-drogi. Il-kunsilliera Publius Abdilla u Carlo Stivala qalu li qegħdin jinstabu bosta siringi fl-isqaq fit-triq San Ġorġ.

**Is-Sindku ssospenda l-laqgħa mal wasla tas-sur Pawlu Busuttil [President tal-Każin tal-Banda San Pawl] u s-sur Stefano Cassar [Segretarju tal-Każin tal-Banda San Pawl] biex jidiskutu l-bżonnijiet tal-Każin għal żmien il-festa.**

**4. Laqgħa mas-sur Stefano Cassar [Segretarju tal-Kazin tal-Banda ta' San Pawl]: 6.45pm**

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv avza li l-ispettur ma jistax jattendi għal laqgħa kif suppost kellu jagħmel skond is-sitt punt fl-aġenda.

4.2 Is-sur Cassar qal illi sar l-ftehim dwar l-għeluq tat-toroq għal żmien il-festa, kif ukoll l-għeluq ta' triq il-Kuċċard nhar is-Sibt 25 t'Awwissu mill-5pm. Il-Kunsill diġa bagħat lil Transport Malta biex javza liema toroq għandhom jingħalqu.

4.3 Is-sur Cassar qal illi għandna bzonn 40 barriers. Il-Kunsill qabel illi dawn għandhom jaslu sas-16 t'Awwissu. Is-sur Cassar għamel talba biex isiru 4 toqob fil-pjazza għal bandalora. Għamel talba biex isiru floodlights f'triq il-Kuċċard, preferibilment qabel is-17 t'Awwissu. Il-kunsillier Publius Abdilla ssuġġerixxa li nagħmlu floodlights fl-isqaq. Kulħadd qabel illi dawn isiru.

4.4 Is-sur Cassar ssuġġerixxa li nneħħu l-Bring in Sites qabel is-17 t'Awwissu u nagħmlu portable skips minflok. Is-Sindku qal illi nagħmlu dawk l-iskips imsemijin f'punt nru.3.13 u li l-aħjar jitpoġġew ġo xi sqaq.

4.5 Is-sur Cassar qal illi 'Lejla Maltija' se issir il-Ġimgħa u s-Sibt [17 u 18]. Għamel talba biex il-kennies jiknes nhar il-Ħadd 19 t'Awwissu. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-kuntrattur tal-knis għandu jieħu ħsieb dan ix-xogħol. Dan għandu jiknes ukoll wara l-marċ. Il-Ħadd filgħodu u wara nofs in-nhar għandu jiġi ukoll il-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart.

4.6 Il-Kunsill qabel illi l-Ġimgħa [17] filgħodu, iz-zuntier, il-pjazza, u t-toroq ta' madwar ser jiġu maħsulin.

4.7 Is-sur Stefano Cassar għamel talba biex titnaddaf triq il-Kuċċard fejn se jsir l-armar tal-art fis-16. Is-Sindku qal illi dan se jkun diffiċli izda se jara kemm jista jsir.

4.8 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-qsari ta' quddiem il-Kazin għandhom jitneħħew u ssuġġerixxa li nagħmluhom fejn il-knisja ta' Santa Marija. Kulħadd qabel illi dan isir il-Ġimgħa 17 t'Awwissu. Il-kunsillier Publius Abdilla fakkar li għandna nagħlqu Żurrieq Road il-Ħadd 26 t'Awwissu, u nagħmlu t-tabelli ta' 'No Parking' minn tlett ijiem qabel.

4.9 Is-Sindku staqsa lis-sur Cassar jekk hemm xi nies illi ma jixtiequx illi jkunu preżenti matul il-festa. Is-sur Cassar qal illi l-pulizija jafu min huma dawn in-nies. Is-sur Cassar għamel talba biex il-pulizija jibqgħu preżenti wara l-marċ.

4.10 Fis-7.15pm, ma tmiem id-diskusjonijiet dwar il-festa, il-kunsilliera u r-rappreżentanti tal-Każin irringrazzjaw lil xulxin u tkompliet l-laqgħa.

**5. Kontinwazzjoni tal-Punti mill-Minuti**

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma nistgħux niltaqgħu mar-rappreżentant tal-Gal Xlokk [ref: punt nru. 10.10] peress illi qiegħed bil-long leave.

5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ordna l-mirja [ref: punt nru. 10.12]. Qal ukoll illi sar rapport dwar il-bozoz ta' triq Dun Ġuzepp Caruana [ref: punt nru 10.13].

5.3 Is-Sindku qal illi ma setgħux jinżebgħu s-sleeping policemen ta' triq San Pawl [ref: punt nru. 10.14] izda dan ix-xogħol se jsir qabel il-festa.

**6. Korrespondenza**

6.1 Il-kunsill irċieva talba għal refund tal-ħlas ta' tifel ta' Skola Sajf 2012 għax dan kien ikbar mill-grupp tat-tfal ma min kien qiegħed u kien imdejjaq. Is-Sindku qal illi qabel ma nagħtu dan il-flus lura rridu nkunu nafu l-fatti għax hu sema li dan it-tifel minflok mar Skola Sajf tal-Gvern. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi jemmen illi għandna nagħtu nofs il-flus lura u mhux kollha. Il-Kunsill se jirċievi l-parir mill-għalliema.

6.2 Is-sur Stefan Grixti, ix-xufier tad-Day Centre, aċċetta €12 għal kull vjaġġ li jagħmel għad-Day Centres tal-Kunsill, kif ukoll tal-Qrendi.

6.3 Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-korrespondenza li sar ma ta Galea Curmi, kuntratturi tal-PV panels. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien ltaqa' magħhom u bagħat email biex jiġu jagħmlu energy audit.

**7. Skeda tal-pagamenti.**

7.1 Il-kunsilliera approvaw l-iskeda tal-pagamenti.

**8. Summer League**

8.1 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi baqa l-aħħar tlett logħbiet tas-Summer League. Qal illi saru 2 protesti u li tkellimna mas-sezzjoni tar-referees sabiex ittieħdu d-deċiżżjonijiet. Qal illi peress illi tim ġie skwalifikat, dan affetwa kif spiċċat waħda mill-gruppi. Qal ukoll illi dan it-tim kien lagħab plejer ineleġibbli għax kien lagħab fil-1st division. Meta tkeċċa dan it-tim, tim li kien rebaħ kontrihom u spiċċaw

inqalgħu mill-kompetizzjoni meta tilfu dawn il-punti għamlu protest fuq tim ieħor li qalu lagħbu plejer ineleġibbli iżda ma kienx hemm provi.

8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rċieva talba biex il-finali ssir ġurnata oħra. Il-Kunsill ma qabilx u l-finali se tibqa fit-13 t'Awwissu fid-9pm.

8.3 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm tifel li jibati bil-leukemia li jattendi għal logħbiet kollha. Qal illi flimkien ma ċerti nies mill-lokal hemm inizzjattiva biex ngħinu lil dan it-tifel.

**9. Festa**

9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-pjanta tal-gabbani ta żmien il-festa u fejn se jkunu. Il-Kunsill qabel illi ndaħħlu tnejn oħra jekk hemm post għalihom mingħajr ma niċċagħalqu l-oħrajn minn posthom.

**10. Ħwejjeġ oħra**

10.1 Il-Kunsill qabel illi nixtru set ta' kotba tas-sur Clifford Vella li bagħat kopji tal-kotba tiegħu. Dawn il-kotba għandhom jinġabru biss wara li l-Kunsill jirċievi l-fondi għal librerija.

10.2 Is-Sindku qal illi hemm bżonn ta żbir tas-siġar f'Misraħ San Ġużepp, kif ukoll ma ġenb il-Każin. Qal illi għandna problema mal-ELC għax qegħdin jibagħtu kont ta' €66 minn tlett snin ilu avolja ma kienx hemm spjegazzjoni dwar xiex kien dan il-ħlas.

10.3 Is-Sindku qal illi hemm problema bil-fridge tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi nixtru waħda ġdida.

10.4 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm ħafna ħmieġ fil-ġnien ta T'Amparell. Qal ukoll illi l-ħajt baqa mwaqqa'. Is-Sindku qal illi nieħdu ħsieb il-ħajt l-ewwel.

10.5 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa jekk il-ħaddiema tal-Kunsill ħadu xi ħaġa għas-servizzi tagħhom waqt il-Majjalata, kif ukoll Jum Ħal Safi. Is-Sindku qal illi huma u membri tal-familji tagħhom kielu b'xejn.

10.6 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ilmenta li qegħdin joħorġu avvizi dwar ħarġiet mill-Kunsill mingħajr ma jiġu diskussi fil-Kunsill stess. Qal ukoll illi qed issur jaf dwar dawn il-ħarġiet meta n-nies jistaqsu għal xi informazzjoni u hu ma jkunx jista jagħtihom risposta. Is-Sindku qal illi dan sar biss meta kien hemm zmien qasir biex nippreparaw għal dawn il-ħarġiet. Il-kunsillier Publius Abdilla wkoll ilmenta fuq dan il-punt.

10.7 Il-kunsillier Publius Abdilla qal li rċieva lment dwar persuna li għanda proprjeta' ġo sqaq Santa Marija iżda ma tgħix hemmhekk u fl-istess ħin, meta tmur sar-residenza għal ftit ħin, tieħu l-kelb tagħha li qiegħed iħammeġ barra.

10.8 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa dwar il-ħarġa tal-15 t'Awwissu. Is-Sindku qal illi se jduru ħames parroċċi ddedikati lil Santa Marija. Il-kunsillier Publius Abdilla ma qabilx illi għanda ssir fil-15 t'Awwissu u ppropona li ssir ġurnata qabel. Is-Sindku qal illi darb'oħra norganizzaw ħarġa simili lejl qabel.

10.9 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm bżonn illi nbiddlu l-bozzoz ta restawr tad-dawl fil-ġnien ta' barra l-Kunsill. Ippropona wkoll illi nagħmlu tabelli biex navzaw illi klieb ma jistgħux jidħlu fejn l-area fejn hemm il-latrini.

10.10 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm siġra f'trejqet Tarsu li qegħda ta' periklu u hemm bżonn illi naqtawha. Qal ukoll illi hemm rubber tree f'triq ta' Rqajja li daħlet fuq proprjeta privata u ppropona li naqtawha, iżda l-ewwel il-Kunsill se jkollu bżonn jitkellem mas-sid tal-post.

10.11 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm tabella ta' Neighbourhood Watch ta' triq Stiefnu Erardi illi għanda bżonn titressaq lura. Ma kienx hemm qbil fuq dan minn naħa tal-Kunsill.

**11. Laqgħa li jmiss**

9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm.

10.2 Il-laqgħa li jmiss ser tkun fit-22 t' Awwissu 2012.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |